MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2006

Talba Numru. 1952/2004

**Citadel Insurance Plc. (C113), kfi surrogate fid-drittijiet tal-assikurat taghha Nicola Sciberras (I.D. 837339 M), sija bil-polza u sija bil-ligi u l-istess Nicola Sciberras**

**vs**

**Carmel Pace**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-20 ta' Ottubru, 2004 fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallsu l-ammont ta' hames mija u sitt lira lira Maltija u sebgha u tletin centezmu (Lm506.37) jew soma ohra verjuri, li tigi akkordata, anke permezz ta' periti nominandi, rapprezentanti danni sofferti mill-atturi fl-incident awtomobilistiku tas-7 ta' Jannar, 2004, fi Sliema Road, Gzira, bejn il-vettura bin-numru ta'**

**registrazzjoni RUS-712 misjuqa minn Nicola Sciberras u proprjeta` tal-istess, u l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni BAK-421 misjuqa mill-konvenut, prevja d-dikjarazzjoni jekk hemm bzonn, li l-imsemmi incident gara b'tort unikament tal-konvenut minhabba traskuragni, imperizja, u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta' l-istess konvenut.**
**Il-konvenut, ghalkemm interpellat, anke permezz ta' ittra legali tat-18 ta' Frar, 2004, baqa' inadempjenti.**
**Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra legali tat-18 ta' Frar, 2004 prezentata kontra l-konvenut, u l-ittra ufficjali prezentata kontestwalment kontra s-socjeta` assikuratrici tal-konvenut ai termini tal-Kap.104 tal-Ligijiet ta' Malta, u bl-imghax legali sad-data tal-hlas effettiv tas-somma kollha, kontra l-konvenut, ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fil-15 ta' Novembru, 2004, fejn intqal illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attur, u dana stante illi l-incident in kwistjoni ma sehhx b'xi tort tal-konvenut, izda sehh unikament tort tal-attur Nicola Sciberras, hekk kif ser jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.**
**Salv eccezzjonijiet ulterjuri.**

**Seghma x-xhieda ta' Nikola Sciberras u PS 16 Martin Cordina. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kaz.**

**Ikkunsidra:**
**1. Dan il-kaz jirrigwarda kollizjoni li sehhet fis-7 ta' Jannar, 2004 fi Sliema Road, Gzira, bejn il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni RUS-712 misjuqa mill-attur, u l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni BAK-421 misjuqa mill-konvenut.**
**2. Skond l-attur, hu kien sejjer fid-Direzzjoni ta' triq Nazju Ellul, cioe` lejn il-lemin, u l-karrozza tieghu kienet qed thares lejn Rue D'Argens. Kien miexi bil-mod hafna u kien hemm traffiku quddiemu. Xeghel l-indicator biex idur fuq il-lemin, meta hass daqqa,**

**meta l-konvenut laqtu minn wara fuq in-naha tax-xellug. Dak il-hin tal-habta l-attur kien mas-central strip lest biex idur. Il-lok fejn sehh l-incident jirrizulta bic-car mir-ritratti Dok.NS1, filwaqt li d-danni li garrab l-attur jirrizultaw mir-ritratti Dok.NS2 sa NS6.**

**3. Il-konvenut fir-road accident report qal li l-attur fsalt gibed il-barra minn Triq Edgar Bernard. It-Tribunal jinnota li ma hemm xejn x'jissostanzja tali tezi, u fic-cirkostanzi hija aktar attendibbli l-versjoni tal-attur. Huwa evidenti li l-konvenut ma pprestax id-debita diligenza u baqa' diehel fil-vettura tal-attur, li kien pratikament wieqaf.**

**4. Id-danni li garrab l-attur fil-vettura tieghu jirrizultaw mid-dokumenti esebiti Dok.CIT1 u Dok.CIT2A sa CIT2F, u dana fl-ammont mitlub.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal filwaqt illi jiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident li sehh jikkundannah ihallas lill-atturi s-somma ta' hames mija u sitt liri Maltin u sebgha u tletin centezmu (Lm506.37) bl-imghaxijiet legali dekoribbli mill-lum sad-data tal-pagament effettiv.**

L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk tal-ittra legali tat-18 ta' Frar, 2004 prezentata kontra l-konvenut, u l-ittra ufficjali prezentata kontestwalment kontra s-socjeta` assikuratrici tal-konvenut ai termini tal-Kap.104 tal-Ligijiet ta' Malta, ghandhom jigu sopportati unikament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------